# LILI-QAMAR TA' FRAR *

Qamar maħqur ta' Frar, li b'għajn imdemmgħa
Kull tant tixrifli minn ġe' s-sħab sewdieni,
Fik jiena nilmaħ sliema w għaqda mġemmgħa
Flimkien ma' ħniena li taf tqawwi l-fieni

F'ħarstek turini xitwa mgħarrqa f'demmha,
Rebbiegħa sbejħa b'daħket Marzu l-ħieni;
Turini radd-il-ħajr bejn xewqa w temmha;
U kif ix-xrar ta' mħabbtek baqa' ewlieni.

Ja qamar ħiemed, bl-ebda kelma f'fommok,
Mera ta' tjieba, ta' kbir deh'n u sabar.
Int sraqtli mħabbti : f'qalbi nibqa' nżommok.

Għaliex jien rajt li dmirek tagħmlu sewwa;
U mhux darba jew tnejn intbaħt li l-qabar
—Meta l-ġnus rieqda tkun—int tbus bil-ħlewwa !

CUPIDO

* *Dil-poeżija miktuba minn waħda li mhix fil-Għaqda tagħna u ħtarnieha fost oħrajn biex inġibuha f'dan il-għadd.*